ŻEBBUĠ

**<u>Minuti tal-Laqgħa tat-30/07/2010</u>**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ġimgħa, it-30 ta' Lulju 2010**

**Ħin: Fis-1.15 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Joe Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sindku Carmelo Saliba kien skużat minħabba rappreżentanza tal-Kunsill fil-Qorti.

Ippresjeda l-laqgħa d-Deputat Sindku Joe Bajada.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mid-Deputat Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Id-Deputat Sindku qara l-ittra tal-Kunsilliera Camilleri u Refalo fejn talbu biex tissejjaħ laqgħa b' urġenza dwar il-Musical 'Għeruqna'.

Il-Kunsillier Camilleri rrimarka li ebda laqgħa li ssejħet b' urġenza fil-passat saret talba għaliha bil-miktub.

Camilleri qal kienu qed jitolbu din il-laqgħa peress li fil-laqgħa li nżammet il-ġurnata ta' qabel, ma ngħatax l-opportunita` li jagħmel id-domandi tiegħu b' konnessjoni mal-Musical 'Għeruqna'.

Il-Kunsillier Camilleri qal hu kien għadda korrispondenza lis-Segretarja Eżekuttiva fejn talab il-lista ta' min ġie mistieden għall-Musical 'Għeruqna'. Qal li meta talabha din il-lista, is-Segretarja Eżekuttiva weġbitu li fuq struzzjonijiet tas-Sindku l-ittra tiegħu ser tinqara fis-Seduta tal-Kunsill li jmiss.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier Camilleri jingħata kopja tal-lista tal-mistednin għal 'Għeruqna'.

Il-Kunsillier Camilleri staqsa min qed jagħmel il-*bookings* tal-*lodging* għall-provi?

Is-Segretarja Eżekuttiva kkonfermat li l-*bookings* tad-Direttur għamlithom hi.

Il-Kunsillier Camilleri qal għandu informazzjoni li parti mill-*cast* hu minbarra r-raħal u li ġew imwiegħda xi flus.

Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li m' għandix informazzjoni dwar dan.

B' konnessjoni mal-Musical 'Għeruqna', il-Kunsillier Camilleri qal il-Kunsillier Refalo kien infurmah li s-Sindku ordna biex ma jinħariġx il-permess għall-attivita` li ser jorganizza ġewwa Marsalforn fl-istess ġurnata li l-Kunsill ser itella' l-Musical 'Għeruqna' meta formalment il-Kunsill kien qabel li jingħata l-permess.

Il-Kunsillier Debono qal l-attivita` ta' Refalo li ser issir f' Marsalforn mhux ser taffetwa l-Musical 'Għeruqna'. Ma' dan qablu d-Deputat Sindku u l-Kunsillier Camilleri.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-Kamra waqt din id-diskussjoni.

Il-Kunsill approva l-applikazzjoni ta' Refalo biex itella' attivita` mużikali nhar is-6 ta' Awwissu 2010 f' Marsalforn.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| **Sindku** | **Segretarja Eżekuttiva** |